MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta ta' l-24 ta' Novembru, 2011

Numru. 819/2005

**IL-PULIZIJA**
**SPEETTUR IAN ABDILLA**

**KONTRA**

**ROBERT CILIA ta' 40 sena, iben Pio u Annunziata nee' Aquilina, imwieled tal-Pieta' nhar id-09.07.1970, residenti fil-fond Niebert, Triq L Fontana, Zebbug, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 295370M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **ROBERT CILIA** li gie akkuzat talli:

1. Nhar it-23 ta' Frar, 2005 f'Haz-Zebbug, xjentement laqa' ghandu jew xtara 4,000 litru petrol b'valur ta' madwar Lm1,600.00 li kienu misruqa, mehuda b'qerq, jew

akkwistati b'reat, jew xjentement b'kull mod iehor indahal biex ibieghhom jew imexxiehom.

Rat li l-akkuzat wiegeb li ma kienx hati ta' l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Rat ukoll l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali taht liema hemm mahsuba li tista' tinstab htija u cioe 334 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta' l-imputat ghal proceduri sommarji.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet il-provi kollha u t-trattazzjonijiet.

Ikkunsidrat:

Illi mix-xhieda ta' Philip Borg irrizulta li hu kien sewwieq tal-bowsers ta' Enemalta – ghalhekk fid-data ta' l-akkuza huwa kellu jqassam LRP, fi kliemu lill-pulizija, u lil station go Haz-Zebbug cioe' lill-imputat. Darba li wassal id-Depot tal-Pulizija u beda jbattal il-fuel hemm, l-iehor (aktar tard fil-proceduri nsiru nafu li huwa ex kuntistabbli Richard Vella), qallu biex jieqaf ibattal ghand il-pulizija. Allura ghax imgieghel minghand dan il-Kuntistabbli (ex illum), waqaf ibattal il-petrol ghand il-pulizija. Jghid li allura telaq 'il barra u mar jaghti l-petrol il-pompa ta' Haz-Zebbug cioe' lill-imputat. Hawn jghid ukoll illi gialadarba ma setax jerga' jidhol l-Enemalta bil-petrol zejjed, cioe' dak illi ma kienx qassam lill-pulizija, gennen (u din hija l-kelma li uza) lill-imputat biex johodlu dak il-fuel barra dak li kien ordna ghall-pompa tieghu. Jghid li rega' ltaqa' ma' l-imputat biex tah il-flus – mistoqsi ghalfejn tah il-flus wiegeb "Biex jaghtini xi haga hux, fis-sens jigifieri ghax hemm gennintu jiena." (folio 27). Dan il-hlas kien tal-prodott. Xehed illi minghalih kien tah Lm1,2000.00 kontanti li minnhom huwa ta Lm600.00 lill-iehor, cioe' lil Richard Vella.

In kontro ezami kompla jghid illi Cilia ha l-petrol li originarjament kien destinat ghall-pulizija, ghaliex u sforz ta’ kemm gennu hu, cioe’ x-xhud. Qal ukoll dwar il-karti li lil Cilia kellu jibaghthomlu wara. Qabel illi Cilia hallsu Lm1,200.00, il-prezz vera tal-petrol. Xehed ukoll illi lill-imputat qatt ma qallu li dak il-petrol kien naqqsu lill-pulizija.

Mistoqsi xi jrid jghid bil-kelma ‘gennintu’ fil-konfront ta’ l-imputat, wiegeb li qallu “.....ara kif ser taghmel u tohoduli ghax ma nistax immur lura bih...” (folio 106). Ma ftakarx jekk l-imputat talbux spjegazzjoni ta’ dan.

Minn naha tieghu Richard Vella xehed illi kien kuntistabbli jahdem fil-garaxx tal-pulizija. Qal illi Philip tal-bowser, meta kien imur jimla l-petrol, kien jghidlu “Ahsiblu naqra zejda.” (folio 32). Dan biex jiehu dan il-fuel x’imkien.

Spjega li billi kien iforni dejjem inqas petro lill-karozzi tal-pulizija, iz-zejjed li fl-ahhar kien jibqa’ ghax kien jigi over ma kienx jiehdu mill-bowser ta’ Philip li kien allura jibqa’ sejjer b’litri zejda bil-bowser. Ikkonferma li kien iltaqa’ ma’ dan Philip aktar tard il-Mellieha u dan kien tah Lm200,00 bhala flus parti tal-fuel (allura misruqa lill-pulizija).

Kenneth Abela, engineer mal-Korporazzjoni Enemalta, xehed dwar il-prezzijiet ta’ LRP fi Frar 2005 – versu 40.05-il litru (Dok B folio 49). Ikkonferma dan ix-xhud illi l-bowsers ta’ l-Enemalta kienu forniti bis-sistema tad-data track. Spjega anke d-diversi sistemi ta’ sigurta’ li kienet tuza l-Korporazzjoni biex tassigura kontroll fuq il-fuel, bhall-fatt illi l-bowsers kienu jintiznu vojta u mimlija, illi jkollhom certi sigilli. Ikkonferma wkoll illi l-ircevuti ta’ l-Enemalta kienu jintbaghtu max-xufiera tal-bowsers stess u l-istess xufier jigbor ic-cheque minghand ta’ l-station li jghaddi lil Enemalta. Allura s-sidien tal-pompi jiffirmaw l-istess invoice, allura konferma li rcevew il-prodott, liema invoice tispicca allura ghand l-Enemalta. Ikkonferma wkoll illi gieli nqalghet sitwazzjoni fejn pompa A ma tiehux l-ordni kollu u bl-approvazzjoni tal-Korporazzjoni z-zejjed li jkun hemm fil-bowser jigi mqassam lill-pompa l-ohra.

Ikkonferma li meta jigri hekk aktar tard tohrog invoice lill-pompa li tkun irceviet il-fuel hekk imsejjah zejjed.

L-Inginier Philip Borg xehed dwar ir-route sheet fejn mar Philip Borg, ix-xufier, fid-data ta' l-akkuza, cioe' fit-23 ta' Frar, 2005. Ezebixxa dan l-Inginier Dok PB folio 65. Allura dan ix-xufier kellu jmur ghand il-pulizija u **Abela Haz-Zebbug** (sottolinear tal-Qorti).

Giet ezebita wkoll l-istqarrija ta' l-imputat Dok RC folio 11. Fiha qal illi Philip (ix-xufier) kien mar il-pompa tieghu u beda jghidlu "Hudu, hudu aghmilli pjacir, umbaghad hallasni." Qal illi hu ma riedx jixtri u lil Philip qallu hekk kemm-il darba. Hawn jghid illi dan Philip qallu li jekk kien ser jinqala' xi haga kull ma kellu jghid li kien sar zball. Ikkalkula li minn dan qliegh kellu biss Lm200.00. Qal ukoll illi wara li qaghad jahseb x'kien ser jaghmel dwar dan, iddecieda li jekk kien ser jghid lill-Enemalta kien ser jidhol fit-trouble, u ghalhekk iddecieda li kien ikun ahjar jekk ihallas lil Philip. Hallsu kontanti. Jghid illi rcieva b'dan il-mod 4,000 litru petrol.

Jghid illi din bicca li ghamel darba u li hu ma riedx jaghmel hsara lill-business tieghu, u ghamel dan biss ghax kien gennu Philip u waqqghu wara hafna ssikkar minn naha tieghu.

Ikkunsidrat:

Illi certament mix-xhieda biss ta' Philip Borg ix-xufier (a differenza ta' l-Inginier), jirrizulta li l-imputat ircieva minghand dan ix-xhud ammont ta' fuel li ma kienx ordnat minnu, u li tieghu wara li ghaddew xi granet hallas lil Philip Borg.

Minn naha tieghu Philip Borg kien insistenti li huwa gennen lill-imputat biex johodlu l-fuel li ma kienx kif suppost battal ghand il-pulizija. Pero minn imkien ma jirrizulta mill-provi li l-imputat kien jaf li dan il-petrol lilu mibjugh kellu provenjenza dubbjuza. Detto tutto cio', pero l-istess imputat mill-istqarrija tieghu juri li kellu certu dubbju dwar l-agir tieghu, tant illi anke hass reticenza

ghandux javza lill-Korporazzjoni Enemalta dwar dak li kien gara. Stqarrija li pero trid tittiehed in konsiderazzjoni tas-sentenzi Kostituzzjonali u Ewropew moghtija f'dan ir-rigward.

Mhux car ukoll dak id-dokument li gie ezebit bhala Dok PB mill-Inginier Borg li juri li l-konsenja kellha ssir jew saret ghand Abela Zebbug, mhux ben pruvat min hu Abela Zebbug, cioe' hekk hux l-istess imputat.

Issa l-Artikolu addebitat lill-imputat Cilia huwa dak ta' ricettazzjoni cioe' dak prospettat taht l-Artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Issa dan l-Artikolu sine quo non jinhtieg, biex jigi kostitwit, ix-xjenza ta' l-imputat dwar il-provenjenza illecita u llegali ta' l-oggetti, cioe' ghax misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat.

Frankament ghalkemm l-agir ta' Borg huwa ghal kollox dubbjuz u ma tistax tifhem il-Qorti kif seta' gennen lill-imputat jircievi petrol mhux ordnat, xorta ma tqisx illi giet pruvata dik ix-xjenza li trid il-Ligi fir-reat in dezamina – aktar u aktar meta l-imputat hallas lix-xufier kif kien jaghmel tal-fuel, insista fuq il-karti cioe' l-invoices li gew anke mghoddija lilu, ghalkemm hemm l-imputat u Borg jitkellmu fuq 'karti'.

Illi terga' tghid il-Qorti illi t-transazzjoni bejn l-imputat u Borg kienet dubbjuza pero xorta hemm dubbju fuq l-element tax-xjenza li trid il-Ligi – konsegwentement Robert Cilia qed jigi liberat mill-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------